# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2291

**Kaz Numru 3142/CC** **Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Marsina Gatt (ID 107691 M)**

**u**

**Euston Co. Ltd . (C26802)**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**Chairman : Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 25 ta' Gunju, 2014.**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellanti Marsina Gatt fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar il-10 ta' Lulju, 2013, fejn sostniet li t-terminazzjoni ta' l-impieg taghha kienet wahda ngusta u nvalida 'a termini' tal-ligi. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impieg kienet meritata u skond il-ligi. U dan ghaliex l-Appellanti naqset li tobdi struzzjonijiet cari moghtija mill-Management tas-Socjeta' ntimata.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm sitt (6) seduti fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stabbilit mil-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Marsina Gatt  li minn issa l-quddiem ser tissejjah l-Appellanti kellha l-assistenza ta’ Dr Joanne Vella Cuschieri u aktar tard minn Dr. Carina Testa.

Euston Co. Ltd., li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta’ ntimata kienet irraprezentata minn Caroline Grech assistita minn Dr. Philip M. Magri.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellanti kienet impjegata mas-Socjeta’ ntimata bhala ‘*sales person’* sa mis-7 ta’ Jannar, 2012, sa l-4 ta’ Gunju, 2013.

Fis-26 t’April, 2013, l-Appellanti nghatat twissija bil-miktub minn Caroline Grech, Direttrici tas-Socjeta’ ntimata ghaliex matul ix-xhur precedenti l-*work performance* taghha kienet fqira u kienet qed tiddeterjora u li f’diversi okkazjonijiet hija rrapurtat tard ghax-xoghol.

Fil-31 ta’ Mejju, 2013, l-Appellanti nghatat twissija ohra bil-miktub minn l-istess Grech. U dan ghaliex in-nuqqasijiet identifikati fit-twissija ta’ qabel ippersistew u li skond ilmenti tal-kollegi taghha kien qed ikun hemm flus nieqsa fil-*cash float*.

Ghal dawn l-akkuzi l-Appellanti rrispondiet li hija dejjem qdiet tajjeb lill-klijenti. Dwar li tasal tard, hija wiegbet li wara l-ewwel twissija is-sitwazzjoni irrangat hafna. Dwar il-flus nieqsa, qalet li din grat darba biss, fejn l-ammont kien ta’ €0.50.

It-tmiem tal-impjieg wasal wara li l-Appellanti ma rraputatx ghax-xoghol nhar il-5 ta’ Gunju, 2013, meta kollega taghha kienet *sick* u dan ghamlitu ghaliex diga’ kienet applikat ghal gurnata *leave,* liema *leave* kien approvat.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Caroline Grech** xehedet illi hija l- Direttrici tas-Socjeta' ntimata, fejn spjegat l-operat tal-kumpanija. Qalet li l-*outlets* fejn jinbeghu l-fwejjah *at any point in time,* joperaw b'*sales person* wahda, pero' minhabba l-granet u s-sieghat li jahdmu, u l-assenzi minhabba *leave* u *sick leave,* bhala mpjegati jkun hemm tlieta, fejn l-Appellanti kienet wahda minnhom. Spjegat il-proceduri li jintuzaw meta tigi biex tkun impjegata xi persuna, fejn waqt l-intervista l-persuna din tkun avzata verbalment li trid tahdem fil-festi u li l-*leave* u l-*off* jista' jigi mhassar skont l-esigenzi tax-xoghol. Spjegat li wara t-tieni ntervista, jekk il-persuna tkun accettat il-kundizzjonijiet, tigi mpjegata fejn ghall-ewwel titpogga fuq tahrig bi hlas u jekk din tkun tahseb li kapaci tmexxi l-hanut wahedha jibda l-impjieg propju. Spjegat li hekk kien il-kaz fejn ghandu x'jaqsam l-ingagg tal-Appellanti.
F'dan l-istadju x-xhud stqarret li l-Appellanti ma kienetx inghatat il-kundizzjonijiet tax-xoghol f'forma ta' kuntratt tax-xoghol miktub.
Ix-xhud tat dettalji ta' lmenti minn impjegati dwar flus nieqsa fil-*cash float* u lmenti minn xi klijenti. Qalet ukoll li l-Appellanti spiss kienet tigi tard ghal *staff meetings.*
Ix-xhud spjegat li meta l-impjegati jirrapurtaw ghax-xoghol dawn jippancjaw fuq sistema ta' *network,* fejn allura hi tkun taf li l-hanut infetah. Stqarret li l-Appellanti spiss kienet tidhol tard u dwar dan gieli wissietha. Kompliet li kien ghal habta ta' Dicembru 2012, meta l-*perfomance* tal-Appellanti bdiet tmajna, sakemm fis-26 ta'April, 2013, inhareg l-ewwel *warning.* Spjegat li wara din it-twissija, d-dhul tard min-naha tal-Appellanti kompla u f'Mejju, 2013, inhareg it-tieni *warning.*
Wara dan ix-xhud xehdet b'mod dettaljat dak li gara nhar l-4 ta' Gunju, 2013, fejn l-Appellanti rrifjutat li tidhol xoghol l-ghada minflok kollega ghaliex din il-kollega kienet ma tiflahx. Ix-xhud qalet li l-Appellanti qaltilha li ma tistax tidhol xoghol ghaliex lahqet ftehmet man-nies. Ix-xhud qalet li f'dan il-waqt infurmat lill-Appellanti li jekk mhux diehla ghax-xoghol tista' ma tigix izjed qaltilha sabiex tirritornala c-cwievet tal-hanut ghaliex hija ma riedetx tali responsabbilita'. Fil-fatt ic-cwievet l-Appellanti impustathom fl-ufficcju tal-kumpanija kif indikatilha x-xhud. Dan l-agir ix-xhud fehemitu li l-Appellanti ma riedetx tidhol aktar ghax-xoghol.

Ix-xhud qalet li f'okkazzjonijiet simili meta l-Appellanti tat spjegazzjoni ghala ma setghetx tidhol ghax-xoghol minflok shabha dejjem giet skuzata. Stqarret li f'dik l-okkazjoni l-Appellanti ma semmietx li kellha appuntamenet ma' tal-*insurance* minhabba xi kollizjoni tal-karozza taghha.
F'dan l-istadju x-xhud spjegat kif kien jigi bbukkjat il-*leave*, u li jekk f'gimgha partikolari mpjegat ma jkunx *rostered* li jahdem 40 siegha, s-sieghat nieqsa kienu jigu meqjusa bhala *leave* mehud.
Ix-xhud qalet li erbat ijiem qabel u cjoe meta nhareg it-tieni *warning*, l-Appellanti permezz ta' *E-mail* (esebita) kienet qalet li hija ma riedetx tahdem f'dan l-ambjent ta' xoghol.

**Annalise Ellul** xehdet li hija tahdem mas-Socjeta' ntimata bhala *salesgirl* u dan ghal dawn l-ahhar 9 xhur. Qalet li taf lill-Appellanti bhala kollega fuq ix-xoghol. Qalet li hija kienet tahdem bix-*shift* u kienet tirriplejsjaha l-Appellanti. Spjegat kif kienu jibdlu lil xulxin f'cirkostanzi ta' *off* jew *sick*.
Irakkontat kif darba kienet xoghol u kienet thossha ma tiflahx, fejn baghtet *E-mail* lill-Appellanti fejn gharrfitha li jekk tibqa' hekk l-ghada ma kienetx ser tkun tista' tidhol xoghol u allura kellha tidhol hi minn flokha. Qalet li l-Appellanti qaltilha li mhiex diehla. Kompliet li filghaxija gabet it-tabib li min-naha tieghu ccertifikaha bhala marida u taha gimgha *sick leave*. Ix-xhud kompliet li hija cemplet lill-imghallma taghha Caroline, fejn gharrfitha bid-dettalji.

**Marsina Gatt** l-Appellanti bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li hija qabdet tahdem mas-Socjeta' ntimata nhar is-7 ta' Frar, 2012, u dan wara zewg *interviews*, fejn fihom kienet giet infurmata dwar hinijiet tax-xoghol u tehid ta' leave u affarijiet ohra relatati. Qalet li hija qatt ma ffirmat xi kuntratt ta' xoghol. Spjegat xi dettalji ta' kundizzjoinijiet ta' xoghol fosthom kif jinhadem ix-*shift* u kif jittiehed il-*leave*. Dwar it-tehid tal-*leave* l-Appellanti qalet li l-prassi kienet li jew tinforma waqt il-*meeting* jew tibghat *E-mail* lill-*Manager*. Stqarret li fir-rigward ta' nhar l-Erbgha 5 ta' Gunju, 2013, li hija kienet talbitha *leave* waqt *staff meeting* u giet approvata, tant li hija kienet hadmet ghalija fil-gurnata ta' qabel kif normalment isir fejn spiccat mix-xoghol fit-20.00.
Spjegat li ghal xi 21.00 irceviet *sms* minghand Caroline Grech il-*Manager* fejn gharrfitha li Annalise Ellul kieent ma tiflahx u li l-ghada kellha tidhol xoghol minkejja li suppost kienet ser tkun *leave*. Ix-xhud qalet li hija spjegat lill-*Manager* li hija ma setghetx tidhol xoghol ghaliex miftehma man-nies.

Minkejja li ppruvat tfiehem lill-*Manager* ghaliex ma setghetx tidhol xoghol, din qaltilha li jekk ma tidholx kif qed tigi ordnata tista' ma tigix izjed u talbitha sabiex l-ghada ttiha c-cwievet tal-hanut. Xi haga li x-xhud qalet li ghamlet billi tefhet ic-cwievet fil-*letterbox* tax-xoghol.
Stqarret li dwar din l-affari ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni maghha bit-telefon. Ix-xhud ghaddiet biex taghti dettalji tal-*warning* li nghatat nhar is-26 t' April, 2013. Ix-xhud spjegat li meta kellha l-karozza bil-hsara kagun ta' ncident stradali, biex hija kienet tmur ghax-xoghol jew kien iwassalha xi hadd tal-familja jew kienet tmur b'tal-linja, fejn hafna drabi kienet tasal xi kwarta jew 10 minuti tard. Wara ghaddiet biex taghti dettalji ta' *warning* iehor li hija inghatat nhar il-31 ta' Mejju, 2013, liema *warning* kienet sabitu mall-paga u li kien jirrelata ghal '*your performance is still lacking*'. Stqarret li dwar din l-affari hadd qatt ma kellimha la qabel u l-anqas wara l-hrug tal-*warning*. Anzi ziedet tghid ix-xhud l-istess *Manager* diversi drabi hegget lil *salespersons* ohra sabiex jiehdu l-ezempju tal-Appellanti dwar *performance*.
Ix-xhud temmet ix-xhieda taghha billi qalet li gimgha wara dan il-*warning* sehh dak li stqarret qabel u li kien wassal ghat-tmiem tal-impjieg taghha. Qalet li hija damet xahar u gimgha sakemm sabet xoghol iehor fil-bidu *part-time* u wara *full-time*. Ix-xhud ikkonfermat li llum hija tahdem ma' l-Agenda.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. Philip Magri** f'isem is-Socjeta' ntimata beda l-argumenti tieghu billi telaq mill-premessa li fuq hafna mill-fatti ma kienx hemm kontestazzjoni mill-partijiet. Spjega li r-responsabilitajiet li wiehed huma fuq il-post tax-xoghol huma dipendenti fuq il-kundizzjonijiet u termini li wiehed ikun dahal ghalihom fil-bidu tal-impjieg. Huwa ghadda sabiex elenka numru ta' responsabilitajiet li jappartjenu ghall-kaz 'in kwestjoni'. Sahaq li min-naha tal-Appellanti kien hemm nuqqasijiet ftit jew wisq serji ta' responsabbilitajiet li kienu bazici ghax-xorta ta' mpjieg involut f'dan il-kaz.
Dr. Magri accenna ghall-fatt li l-Appellanti kienet inghatat '*warnings*' ghaliex bejn is-16 ta' Frar u l-5 ta'Gunju kienet regolarment tiftah il-hanut tard u dan minghajr gustifikazzjoni valida. Semma wkoll d-diskrepanzi fil-*cash*.
Dr. Magri mbaghad ghadda ghal ahhar kaz li rrizulta fit-tmiem tal-impjieg. Kaz li huwa spjega li kien jinvolvi l-flessibilita fir-*roster* tax-xoghol, li kienet tfisser li meta jkun hemm xi hadd mit-tlett impjegati li jkun ser ifalli irid jigi *replaced* minn xi hadd iehor.

Dr. Magri sahaq li f'dan ir-rigward l-Appellanti naqset meta rrifjutat li tidhol xoghol minflok kollega taghha li kienet ma tiflahx. Dr. Magri temm billi qal li minhabba f'dawn in-nuqqasijiet setghet tigi gustifikata t-tkeccija.

**Dr. Carina Testa** ghan-nom tal-Appellanti bdiet billi spjegat kif fl-episodju li wassal ghat-tkeccija, l-Appellanti kienet imxiet mall-procedura stabbilita ta' kif jittiehed il-*leave.* Sahqet li dakinhar hija ma kienetx '*on call*' ghaliex ma kienetx bl-*off,* izda kienet ibbukjata *leave.* Leave li skond Dr. Testa kienet ser tiehdu ghaliex kellha appuntament li kienet ilha tistennieh.
Dwar iz-zewg *warnings* li nghatat l-Appellanti qabel it-tkeccija, Dr. Testa qalet li hija qatt ma nghatat ic-cans li tirrribadixxi l-allegazzjonijiet.
Dr. Testa temmet it-trattazzjoni taghha billi qalet li l-Appellanti ghamlet xahar u nofs bla xoghol wara li kienet tkecciet. Tkeccija li kienet ingusta sahqet l-avukata.

- **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal jifhem illi d-dritt tax-xoghol huwa sagrosant u ghandu jigi rispettat sija min-naha tal-impjegat kif ukoll min-naha ta' min ihaddem. L-impjieg huwa stitut serjissmu fejn id-drittijiet ghandhom jimxu *pari passu* mad-dmirijiet.

U f'dan il-kuntest, it-Tribunal iqis bhala essenzjali z-zamma tal-*bon ordni* regolata minn proceduri li mhux biss jassiguraw li tali dmirijiet jigu mwettqa izda li d-drittijiet ikunu mharsa wkoll. U dan partikolarment fejn jidhlu proceduri dixxiplinarji, fejn ghandu jkun imhares il-principju '*audi alteram partem'*, fejn allura min ikun qed jigi mixli jinghata c-cans isemma l-verzjoni tieghu.

F'dan il-kaz ittrattat, jidher li l-attenzjoni tal-Appellanti gieli ngibdet dwar xi nuqqasijiet li fil-fehma tat-Tribunal kienu jimmeritaw tbezbiza, pero' li zgur ma setghux jintuzaw bhala pretest ghal tkeccija. U dan jinghad, aktar u aktar, meta quddiem dan it-Tribunal giet zviluppata sitwazzjoni ta' dubji serji dwar kemm fil-konfront ta' dawk in-nuqqasijiet li kienet qed tigi mixlija bihom l-Appellanti, nghatat ic-cans taghti l-verzjoni taghha.

It-Tribunal jifhem u jaccetta cirkostanzi gravi fejn Principal ikun gustifikat li jtemm l-impieg ta' haddiem b'mod sommarju, pero' certament li dak li gara nhar il-5 ta' Gunju, 2013, ma kienx il-kaz.

Fuq il-bazi tal-principju tal-proporzjonalita' fejn kull kastig moghti ghandu jkun f'bilanc mall-offiza, u tal-fatt li 'terminazzjoni tal-impieg' fil-kuntest ta' relazzjonijiet industrjali hija meqjusa bhala l-piena kapitali, dan it-Tribunal ihoss li l-kastig moghti f'dan il-kaz partikolari u cjoe t-temm tal-impieg, kien wiehed ahrax wisq, u dan meta ma gewx konsiderati pieni ohra bhal per ezempju sospensjoni mix-xoghol minghajr hlas.

- **Decizjoni**

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gie espost f'dan il-process, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellant ma kienetx wahda gusta.

F'din ic-cirkostanza, t-Tribunal qies l-eta' tal-Appellanti u kemm damet bla xoghol u jiffissa l-kumpens dovut lill-Appellanti fis-somma ta' €1,000. Liema ammont irid jithallas mis-Socjeta' ntimata fi zmien erba' gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**